4 ta' Novembru, 1950.

Imħallef :

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Avv. Dr. Louis Galea, LL.D., ne. *versus* Philip Agius et.

**Riċevuta — "Delivery Order" — Boll — Art. 83 tal-Kap. 68.**

*Kwalunkwe dokument iffirmat, fejn il-firmatarju jirrikonoxxi li sar il-versament ta' flus jew ta' xi valur ieħor bi ħlas ta' dejn jew b'ħelsien ta' xi obligazzjoni huwa riċevuta fis-sens tal-liġi, u huwa bollabili skond il-liġi tal-boll. U kwalunkwe kelma li tinduċi dak il-versament, bil-firma ta' min irċieva dawk il-flus jew valur ieħor, hija biżżejjed biex ikun hemm l-irċevuta fis-sens tal-liġi.*

*Imma dokument li jintitola lill-possessur tiegħu biex jirċievi minn għand persuna oħra merkanzija jew effetti oħra, mingħajr ma jkun fih ebda rikonoxximent ta' ħlas ta' dik il-merkanzija jew effetti oħra, huwa sempliċi "delivery order", u mhux riċevuta; u għalhekk mhux suġġett li jiġi bollat.*

*Barra minn dan, id-"delivery order" jibqa' f'idejn il-persuna li tikkonsenja l-merkanzija jew effetti oħra lill-possessur ta' dak id-dokument; u dan huwa nkonċiljabili mal-finijiet ta' l-irċevuta, li tibqa' għand min iħallas il-flus jew valur ieħor biex ikollu x'juri fil-każ li jiġi lilu kontestat dak il-ħlas.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u kull provvediment opportun, u premess illi d-ditta konvenuta rrilaxxjat lill-persuni msemmija fid-dikjarazzjoni, u indikati wkoll fl-istess dokumenti, id-dokumenti li jġibu n-numri rispettivament 5206, 6862, 5239, 5242, 5246, 5285, 5290, 6893, 6900, u 7951, hawn eżibiti u markati rispettivament Dok. A, B, C, D, E, F, G, H, I, J u K; u illi l-imsemmija dokumenti, relativament għall-ammont ta' flus fuqhom indikat, jikkostitwixxu riċevuti skond l-art. 83 tal-Kap. 68 tal-Liġijiet ta' Malta mogħtija lill-persuni hemm imsemmija; u illi, dan non ostanti, id-ditta konvenuta ma mbullatx l-imsemmija ħdax l-irċevuta skond l-art. 81 tal-Kap. 68; u illi bl-avviż tal-4 ta' Ġunju 1949, hawn eżibit u markat Dok. L, il-Kollettur tat-Taxxi Interni, għall-finijiet ta' l-art. 20 (2) u 86 tal-liġi msemmija, avża lill-konvenuti nomine biex, oltre milli jwaħħlu l-boll dovut skond il-liġi fuq l-istess riċevuti, iħallsu s-somma ta' £22 bħala penali, kalkolata fuq il-bażi minima ta' £2 għal kull kontravvenzjoni, iżda l-konvenuti nomine ma ħallsux; talab illi l-konvenuti nomine, prevja, jekk hemm bżonn, id-dikjarazzjoni li l-ħdax l-irċevuta hawn eżibiti u markati mill-A sal-K, minnhom mogħtija lill-persuni msemmija fuq l-istess riċevuti u indikati aħjar fid-dikjarazzjoni, għall-ammont ukoll imniżżel fl-istess riċevuti, huma riċevuti bollabili skond l-art. 81 u 83 tal-Kap. 68 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġu kundannati minn din il-Qorti jħallsu lill-attur nomine s-somma ta' £22 bħala penali lilhom ġustament inflitta, stante l-inadempjenza tagħhom fl-avviż tal-4 ta' Ġunju 1949, skond l-art. 20 (1), 20 (2) u 86 tal-liġi fuq imsemmija, oltre l-boll dovut skond il-liġi. B'ri-

żerva ta' kull penalità u taxxa oħra dovuta mill-konvenuti nomine, u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nomine;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi jirriżulta li d-ditta konvenuta għandha d-distribuzzjoni taż-żerriegħa tal-patata, u mill-kumpless tal-provi rriżulta wkoll li l-proċedura li tigi segwita f'din id-distribuzzjoni hija din li sejra tissemma;

Il-gabillott jirregistra mad-Direttur ta' l-Agrikoltura, li jagħtih biljett jew "voucher", li jkun jintitolah jixtri r-razzjon, jew l-"allotment", taż-żerriegħa tal-patata tiegħu. Il-gabillott, personalment jew per mezz ta' sensal, imur b'dak il-biljett jew "voucher" għand id-ditta konvenuta. Lil min jippreżentalha dan il-"voucher", tant jekk ikun il-gabillott stess kemm is-sensal tiegħu, dik id-ditta tagħtih karta, li hija bħal kull wieħed mid-dokumenti A-K, u li fuqha jkun hemm numru progressiv, id-data, l-isem u l-kunjom tal-gabillott jew sensal tiegħu, in-numru ta' l-ixkejjer mogħtija fl-"allotment", u l-prezz relativ għaliha. Dik il-karta tigi ffirmata mid-direttur tad-ditta jew xi ħadd għalih, u hija indirizzata lill-"foreman" inkarikat, b'ordni lil dan biex jikkonsenja lit-titolari ta' dik il-karta l-kwantitativ ta' żerriegħa ta' patata indikat fuqha. Effettivament, il-gabillott jew sensal tiegħu jmur b'dik il-karta l-Marsa, għand il-"foreman" inkarikat, li min-naħa tiegħu jikkonsenjaha lill-piżatur tad-Dwana. Dan ta' l-aħħar, allura, jiżen ix-xogħol skond il-kwantità ta' l-ixkejjer li jkunu indikati fuq dik il-karta. Gie li l-gabillott jew sensal tiegħu ma jieħux il-kwantità kollha indikata fuq dik il-karta. F'dan il-każ il-piżatur jindorsja l-karta u jerga' jagħtiha lura lill-gabillott jew sensal li jkun. Meta dan jieħu l-kumplament, jew jekk huwa jkun ħa l-kwantità kollha mill-ewwel, dik il-karta ma tigix mogħtija lill-gabillott jew sensal, imma tinżamm mill-piżatur, li jinnota fuqha dettaljatament kif ikun ikkonsenja ż-żerriegħa lill-gabillott jew sensal, u mbagħad jikkonsenjaha lid-direttur tad-ditta konvenuta. Allura dan ta' l-aħħar jagħmel il-verifika meħtiega, u jekk isib kollox sewwa jħallas lill-piżatur, u dik il-karta jqattagħha. F'ebda każ, wara li l-gabillott jew is-sensal tiegħu jkun irċie-

va l-kwantitativ *indikat fuq dik il-karta*, l-istess karta ma tibqa' f'idejn il-gabillott jew sensal;

Illi fuq din *il-karta timpernja* ruħha l-kawża taħt eżami;

Illi l-attur nomine jissottometti li l-karta fuq imsemmija, u li, bħal ma ntqal, konsinnili tagħha huma d-dokumenti mill-A sal-K (dok. 6-16), *relativament* għall-ammont ta' flus indikat fuqha, tikkostitwixxi riċevuta skond l-art. 83 tal-Kap. 68 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex b'dik il-karta l-gabillott jew is-sensal tiegħu juri li huwa jkun ħallas għall-kwantitativ ta' żerriegħa indikata fuqha, u mingħajr dik il-karta huwa ma jistax jippreżenta ruħu biex jirċievi l-merċi;

*Illi l-konvenuti nomine* jopponu l-pretensjoni ta' l-attur nomine, u jissottomettu li dik il-karta ma hix ħaġ'oħra ħlief "*delivery order*". Huma jgħidu li huwa veru li mingħajr dik *il-karta* l-gabillott *ma jistax jirtira l-merċi, imma* mhux għaliex tikkostitwixxi riċevuta, imma sempliċement għaliex dik *il-karta tkun turi* li d-ditta konvenuta kienet soddisfatta li dak *il-gabillott kien irċieva* l-"voucher" mid-Direttur ta' l-Agrikoltura biex jirċievi l-merċi, u hekk l-istess ditta tawtorizza, anzi tagħti *ordni*, lill-"foreman" inkarikat biex jagħmel il-konsenja meħtieġa ta' dik il-merċi lill-gabillott per mezz tal-piżatur;

Ikkunsidrat;

Illi aktar huwa verosimili li dik il-karta tikkostitwixxi "delivery order", kif fil-fatt hija intestata, milli riċevuta. Infatti, meta l-gabillott jirċievi l-kwantità kollha ta' żerriegħa minn għand il-piżatur, dik il-karta tibqa' għand il-piżatur, kif gà ntqal, u f'ebda każ ma tmur iżjed għand il-gabillott. Meta dan ma jieħux kollox f'daqqa, *il-piżatur iniżżel* fuq dik il-karta kemm huwa jkun ikkonsenja żerriegħa lill-gabillott, u mbagħad jikkonsenja lil dan dik il-karta; u dan isir naturalment biex il-gabillott ikollu x'juri li huwa jkun għadu ma rċeviex il-kwantitativ kollu taż-żerriegħa allottjata lilu mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura. Meta l-gabillott jirċievi l-kumplament taż-żerriegħa, il-karta tibqa' għand il-piżatur, li jgħaddiha lid-ditta konvenuta ħalli jiġġustifika ruħu li huwa jkun uniforma ruħu ma' l-ordni mogħti lilu b'dik il-karta. U d-ditta konvenuta, wara li tivverifika li kollox ikun sar sew-

wa, *tqatta' dik* il-karta, għaliex ma jkunx hemm għalfejn tibqa' iżjed;

Illi dawn iċ-*ċirkustanzi juru* biċ-ċar li dik il-karta tikkostitwixxi "delivery order", u mhux riċevuta. Tant ma tikkostitwixxix riċevuta, li meta d-ditta konvenuta ġiet xi drabi mitluba minn xi gabillott biex tagħtih riċevuta għall-flus li jkun ħallas, dik id-ditta dejjem tat riċevuta separata u *distinta minn dik* il-karta (fol. 39, 51 tergo). Ġie li ġara wkoll illi, għad li fuq dik il-karta jkun indikat ammont ta' flus bħala prezz ta' żerriegħa *mixtrija*, xi gabillott ma jħallasx mal-konsenja, imma d-ditta konvenuta tagħtih kreditu (fol. 37, 51, 52, 53, 58, 66, 67 tergo, 72). Dana *juri* li tant il-gabillotti kemm id-ditta konvenuta ma jikkunsidrawx dik il-karta bħala riċevuta; altrimenti l-gabillott, ladarba jkollu dik il-karta *f'idejh, ma jitlobx riċevuta oħra* lid-ditta; u *din ma jkollhiex* bżonn tagħtih dik l-irċevuta. U kif esprima ruħu x-xhud George *Falzon (fol.* 58), il-fatt li gabillott ikollu dik il-karta f'idejh ma jfisserx li huwa jkun ħallas; għaliex dik il-karta sservi biss biex *il-gabillott jirċievi* l-ammont ta' żerriegħa indikat fuqha. Il-karta sservi biex tittieħed iż-żerriegħa, u mhux bħala ħlas;

Ikkunsidrat;

Illi "a receipt, in law, is an acknowledgement in writ*ing that* a sum of money or other valuable consideration has been received by the person signing the acknowledgement, in discharge of a debt or other obligation" (Encyclopoedia Britannica, Vol. 19, kelma "receipt"). Issa, fuq ebda wieħed mid-dokumenti fuq imsemmija ma *jidher* li d-ditta konvenuta per mezz tad-direttur tagħha għamlet xi "acknowledgement" ta' ħlas; imma jidher biss "order to deliver". Huwa veru li "*no particular form of words is necessary to constitute a receipt.* The word 'settled', or 'paid', or any other word purporting to give a discharge, together with the signature on a document specifying the amount due, without any other words indicating payment, is sufficient" (Stroud, Judicial Dictionary, page 1676). Imma lanqas dawn il-kliem, jew xi waħda minnhom, ma tidher fuq dik il-karta fuq imsemmija. L-istess dispożizzjoni ta' l-art. 83 tal-Kap. 68 tal-Liġijiet ta' Malta tfisser il-kelma "irċevuta" bħala nota, att jew kitba,

mogħtija b'ħelsien, għal kollox jew in parti, fuq ħlas ta' flus.............. U fuq ebda wieħed mill-istess dokumenti ma jidher li d-ditta konvenuta kienet qiegħda toħroġ dik il-karta b'ħelsien fuq il-ħlas tal-flus fuqha indikat. Barra minn dan, l-irċevuta dejjem tingħata lil min ikun ħallas, u biex dan iżommha għandu ħalli jkun jista' juriha f'każ li xi ħadd imeriħ li jkun ħallas, jew li huwa stess ikun irid juri li jkun ħallas. Fil-każ attwali, kif ġa ntqal, wara li l-ġabillott jirċievi l-kwantitativ ta' żerriegħa li tiġi assenjata lilu, dik il-karta ma tibqax aktar għandu — liema ħaġa hija inkonċiljabili mal-finijiet ta' l-irċevuta;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi ma jidherx li d-dokumenti msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni jikkostitwixxu riċevuti fis-sens kif pretiż mill-attur nomine;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tirrespinġi t-talba ta' l-attur nomine; bl-ispejjeż.